MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2002

Numru 327/1999

**Il-Pulizija**
**(Sp. Paul Bond)**

**vs**

**Stephen Buhagiar ta' 37 sena, iben il-mejjet Francis u Giorgia nee Cassar, mwieled Hal-Qormi, fis-27 ta' Gunju, 1961, u joqghod 19, Flat 1, Victory Street, Hal-Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 438061 (M).**

**Illum 27 ta' Settembru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Stephen Buhagiar li gie akkuzat talli fid-9.05.97 u matul is-snin precedenti bhala detentur tal-fond bin-numru 19, Flat 1,

Victory Street, Hal-Qormi, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, kiser il-gumni tas-servizz elettriku cioe tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmija fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew il-konsum elettriku, jew li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata, ikkommetta serq tal-kurrent elettriku li l-valur tieghu jammonta ghal aktar minn Lm 100 izda anqas minn Lm 1000 liema serq hu aggravat bil-mezz, valur u hin ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Barra minn dan akkuzat ukoll talli matul l-istess perjodu kkaguna hsara volontarja fl-imsemmi meter li jammonta ghal Lm 6 ghad-dannu ta' l-istess Korporazzjoni.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji ( a fol 33).

Rat li fl-interrogatorju Stephen Buhagiar wiegeb li mhux hati u li ta l-kunsen ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi x-xhieda l-aktar rilevanti ghal din il-kawza hija dik ta' Silvio Decelis. L-istess ipprezenta d-dokumenti SD u SD1 li juru li r-registered consumer tal-fond fejn jinstab il-meter in kwistjoni huwa registrat fuq Angelo Xuereb Ltd u dan jirrizulta mir-record of consumption li turi d-data 5/01/91. Dok SD1 juri wkoll id-dubji tal-Korporazzjoni meta fil-fatt gie ddanneggjat l-istess meter.

Stephen Buhagiar l-imputat xehed minn jeddu, nnega li hu qatt baghbas fil-meter tad-dawl. Fil-fatt kif jidher mir-record of consumption esebita u kif xehed l-istess Silvio Decelis ma kienx hemm telf ta' konsum ta' elettriku.

Ghaldaqstant taqta' u tiddeciedi billi tillibera lil Stephen Buhagiar mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.